**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat 1259/2021DC**

***HI FLY Ltd***
***vs***
***SATA Internacional – Azores Airline S.A.***

Illum, 14 ta' Diċembru 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-soċjeta konvenuta preżentat waqt l-udjenza miżmuma fis-26 ta' Ġunju 2023, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talbet hekk:

> *Sabiex, ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tiġi awtorizzata tikkoreġi r-Risposta Ġuramentata u l-Kontro-Talba tagħha sabiex l-istess atti jagħmlu referenza akkurata għall-kuntratti mertu tal-Kontro-Talba tas soċjetà esponenti, hekk kif elenkati fil-premessi bin-numru tnejn (2.) u tlieta (3.) tar-rikors odjern, u dan dejjem skont dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni illi din 1- Ongrabbli Qorti jogħġobha timponi fiċ-ċirkostanzi.*

Rat ir-risposta tas-soċjeta attriċi preżentata fil-31 ta' Awwissu 2023 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponiet it-talba.

Rat in-nota tas-soċjeta konvenuta preżentata fis-27 ta' Novembru 2023 meta indikat bi preċiżjoni x'korrezzjonijiet xtaqet tagħmel fir-risposta u l-kontrotalba.

Rat ir-risposta ulterjuri tas-soċjeta attriċi preżentata fil-5 ta' Diċembru 2023 permezz ta' liema żammet ferm l-oppożizzjoni tagħha għat-talba tas-soċjeta konvenuta.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li peremzz tal-kawża odjerna s-soċjeta attriċi qed titlob il-kundanna għal ħlas ta' ammonti allegatament dovuta mis-soċjeta konvenuta skond *wet lease agreement* datat 20 ta' Diċembru 2019 ta' ajruplan ta' l-għamla A319-312 b'numru ta' reġistrazzjoni 9H-XFW.

Illi s-soċjeta konvenuta laqgħat għal din it-talba billi qalet li in forza ta' żewġ emendi li saru għall-kuntratt imsemmi hija għamlet pagamenti (żewġ depożiti) lis-soċjeta attriċi li għandhom jiġu rifużi lilha u għalhekk ikun opportun li ssir tpaċija. Is-soċjeta konvenuta fil-fatt għamlet kontrotalba biex s-soċjeta attriċi tiġi kundannata tirrifondi l-imsemmija pagamenti.

Illi s-soċjeta attriċi ressqet il-provi in sostenn tat-talba tagħha u meta s-socjeta konvenuta bdiet tressaq il-provi tagħha jidher li rrealizzat li l-pagamenti li tagħhom qed tippretendi r-rifużjoni huma naxxenti minn kuntratti (wieħed minnhom kif sussegwentement emendat) separati u distinti minn dak imsemmi mis-soċjeta attriċi. Il-kuntratti li riedet isemmi s-soċjeta konvenuta huma żewġ *wet lease agreements* oħra, wieħed datat ukoll l-20 ta' Diċembru 2019[1] u kien jirrikwarda l-ajruplan ta' l-għamla 340-300 b'numru ta' reġistrazzjoni 9H-F0X, u l-ieħor datat 20 ta' Frar 2020 u kien jirrigwarda ajruplan ta' l-għamla A319 b'numru ta' reġistrazzjoni 9H-XFW.

Illi permezz tar-rikors odjern is-soċjeta konvenuta qed titlob diversi korrezzjonijiet fir-risposta ġuramentata u fil-kontrotalba biex issir referenza korretta għall-kuntratti li fuqhom qed tibbaża l-eċċezzjoni u l-kontrotalba tagħha.

Ikkunsidrat

Illi f'sentenza mgħotija fis-27 ta' Marzu 2023 fil-kawża f'l-ismijiet ***Mario Philip Azzopardi vs Emanuel Delia*** din il-Qorti kif diversament presjeduta kellha l-opportunita tgħaddi in rassenja l-ġurisprudenza prevalenti in tema.

[1] U kien dan il-kuntratt li ġie emendata darbtejn.

*Jiġi osservat dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, riċemtament, fid-digriet tagħha datat l-4 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet Alfred Schwab vs Mr Green Limited, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

*"Ta' min iżomm f'moħħu hawnhekk, li l-artikolu 175 huwa mxekkel milli jintuża, jekk it-tiswija tkun tolqot xi eċċezzjoni dwar il-mertu tal-kawża u mhux meta din tolqot xi eċċezzjoni proċedurali jew preliminari";*

*Il-Qorti tosserva wkoll dak li qalet din il-Qorti, diversment preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Avv. Dr Mark Attard Montaldo et noe vs Salvatore sive Silvio Bugeja tad-19 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

***"L-Artiklu 175 tal-Kodiċi jagħti lill-Qorti setgħat ferm wiesa' biex issewwi difetti fl-atti, sakemm dak li tagħmel jew tordna ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża."***[2]

*Ukoll, issir referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza APS Bank Plc vs G.Caruana & Bros et, moghti fit-12 ta' Dicembru 2019 fejn intqal hekk:*

*"Illi huwa minnu li jekk tintlaqa' l-korrezzjoni, dan jista' teffettwa l-eċċezzjoni tan-nullita` mressqa minn uħud mill-konvenuti. B'danakollu, kif fuq spjegat, il-leġislatur, meta fi żminijiet riċenti fl-Art. 175(1) tal-kodiċi ritwali wara l-kliem "jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt... sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni" żied il-kliem "fuq il-mertu tal-kawża" huwa kompla jikkwalifika u allura jillimita iktar l-istanzi fejn ma jistax isir tibdil, billi issa jippermetti saħanistra bdil bla ebda limitu fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjoni li jkun ta' natura proċedurali u mhux fuq il-mertu."*

Illi f'sentenza mgħotija fid-29 ta' Novemebru 2022 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza ***Avv Dr Marlon Borg vs Virtual Digital Services,*** intqal ukoll dwar l-artikolu 175 li

[22] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

> *14. Dan l-artikolu tal-liġi, li jaf l-oriġini tiegħu għall-ewwel kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili lura f'nofs is-seklu tmintax, serva tajjeb ħafna l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna għaliex bis-saħħa tiegħu huma bla għadd il-każijiet li fihom ġie evitat li xi att afflitt minn xi żball iwassal għal tmiem hesrem tal-proċedura ġudizzjarja mingħajr ġudizzju filmertu bil-ħtieġa ta' intavolar ta' azzjoni ġdida bil-konsegwenti spejjeż addizzjonali u ħin mitluf.*
>
> *15. **Ir-ratio wara dan l-artikolu huwa evidenti, sabiex jiġu evitati dupliċita' ta' kawżi u formaliżmu rigoruż li ħafna drabi jwassal sabiex jiġi stultifikat il-kunċett tal-ġustizzja** [3](Edwin Mirabelli noe vs James Gollcher et noe - Qorti tal-Appell - 14 ta' Marzu 1988).*
>
> *16. Meta wieħed jifli f'liema ċirkostanzi sostituzzjoni ta' atti jew bidliet fl-iskrittura ma humiex permessi isib illi l-iskop wara tali restirzzjonijiet huwa li ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet tal-parti li tkun qed topponi l-bidla mitluba. Għaliex lanqas għandu jkun li wara li tkun ġiet intavolata kawża fuq binarju partikolari, jiġi permess tibdil li jisposta l-azzjoni attriċi fuq binarju differenti minn dak oriġinali bil-konsegwenti preġudizzju li dan jista' jarreka lill-parti l-oħra. Il-massima legali electa una via, non datur recursus ad alteram tikkombaċja sew mar-ratio wara l-Artikolu 175.*

Illi aktar minn hekk f'sentenza mgħotija fil-15 ta' Settembru 2023 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-kawża f'l-ismijiet ***Louis Camilleri noe vs Bilom Properties Ltd*** ġie ritenut li għalkemm il-korrezzjoni mitluba f'dak il-każ kienet ser timplika il-bdil ta' wieħed mill-partijiet l-azzjoni proposta bdiet bħala, u kienet ser tibqa, pretensjoni għall-ħlas ta' xogħol ta' appalt u l-eċċezzjonijiet kienu wiesgħa biżżejjed biex jilqgħu għat-talbiet anke meta jiġi kkunsidrat il-bdil ta' wieħed mill-partijiet, għalhekk il-korrezzjoni ma kienet ser tibdel xejn fis-sustanza ta'l-azzjoni u ta'l-eċċezzjonijiet. Il-Qorti għalhekk ippermettiet il-korrezzjoni mitluba u qalet hekk:

> *11. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-korrrezzjoni mitluba hija waħda minn dawk li jikkontempla dan is-subartikolu, għaliex hawnhekk qiegħed jintalab mill-appellant noe li "...jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku...". Jonqos imbagħad li jiġi kkunsidrat jekk din il-korrezzjoni, jekk tintlaqa',*

[3] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

> *hijiex ser tbiddel "...fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża". Tirrileva li l-korrezzjoni mitluba m'għandhiex tolqot l-ebda waħda minn dawn, għaliex jidher mill-atti ppreżentati mill-partijiet, li s-sustanza tal-azzjoni dejjem ser tibqa' pretensjoni għall-ħlas ta' xogħol ta' appalt li ġie eżegwit mill-appellant noe. Tikkunsidra wkoll li l-eċċezzjonijiet li ngħataw mis-soċjetà appellata huma wiesgħa biżżejjed sabiex jippermettu li jitressqu argumenti oħra, saħansitra anki permezz ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, stante li dawn ġew riżervati kif jirriżulta mill-paragrafu 4 tat-tweġiba tas-soċjetà appellata.*

Illi dan stabbilit, u b'applikazzjoni tiegħu għall-każ in eżami, il-Qorti hija tal-fehma li bil-korrezzjoni mitluba m'hu ser jinbidel xejn fis-sustanza ta'l-azzjoni u tal-kontrotalba u anke ta'l-eċċezzjonijiet relattivi. Dan għaliex l-azzjoni kienet u ser tibqa waħda għall-ħlas ta' ammonti dovuti, l-eċċezzjoni u l-kontrotalba kienu u ser jibqgħu bażati fuq il-fatt li tista' ssir tpaċija ma' ammonti allegatament dovuti mis-soċjeta attriċi. Aktar minn hekk l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta attriċi għall-kontrotalba diġa jikkontestaw il-fatt li hemm xi ammonti dovuta minnha skond il-kuntratti li effettivament kellha tirreferi għalihom s-soċjeta konvenuta; is-soċjeta attriċi rriżervat ukoll li tissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi u biex jiġu evitati dupliċita ta' proċeduri t-talba tas-soċjeta konvenuta għandha tigi milqugħa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta konvenuta dedotta fir-rikors preżentat fis-26 ta' Ġunju 2023 u konsegwentement tawtorizza li fir-risposta u fil-kontrotalba jsiru dawk il-korrezzjonijiet kif speċifikati fin-nota preżentata fis-27 ta' Novembru 2023.

Spejjez ta' din l-istanza huma a karigu tas-soċjeta konvenuta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**